MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' April, 2011

Numru. 10/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Ian J. Abdilla)**

**Vs**

**Raphael Axiak ta’ 36 sena bin il-mejjet Anthony u Jane nee’ Haber,
imwieled Victoria (Ghawdex) fid-19 ta’ April, 1975 u li joqghod f’Maple Leaf, Flat 6, Triq Pawlu Portelli, Rabat (Ghawdex), detentur
tal-karta tal-identita’ bin-numru 8475(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Raphael Axiak li gie akkuzat talli fid-9 ta’ Awwissu 2010 u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer;

1. Ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew weghdiet, jew ta struzzjonijiet biex isir delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;
2. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tersercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq kien ghal dik il-persuna jew ghal xi hadd iehor;
3. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
4. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi;

i. tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
ii. tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti; u
iii. tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew parti fi-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-imputazzjoni;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja datat 4 ta’ Frar 2011;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rtirat ir-raba’ (4) akkuza;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali kwazi netta tieghu u l-fatt illi l-imputat ikkoopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 42(a), (b), (d), 185 (1), 121A (1) u 118 tal-Kapitolu 9, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ (4) akkuza billi dina giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, issibu hati tal-kumplament izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qeghda tillibera lill-hati bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax (18)-il xahar mil-lum;

Il-Qorti qeghda twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------